MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2005

Avviz Numru. 696/2004

**Maltacom p.l.c. (C22334)**

**Vs**

**Gozo Ventures Limited (C21779)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef hames mija u tmintax-il lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm3518.46) rappresentanti ammont mis-socjeta konvenuta dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21415416 (skond kif jirrizulta mid-Dok A anness mal-avviz) liema servizz gie stallat fil-fond AMZ Villa, Buskett Road, Rabat, Malta, u dana kif jirrizulta mid-Dok B anness mal-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi a fol 2 sa fol 4 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, is-socjeta konvenuta naqset u ma dehritx fil-28 ta’ Frar 2005 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm3518.46,0 bl-imghax legali mis-16 ta’ Dicembru 2004 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali minghajr data msemmija fl-avviz kif ukoll tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------